**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Sitta u Sebghin (76)**

**20 ta' Diċembru 2023**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv fi Triq it-Tiġrija. Il-laqgħa bdiet fil-5.24 filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Aaron Agius - Sindku

Stefan Bajada- Viċi Sindku

Victor John Curmi- Kunsillier

Anthony Attard – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Victor Zammit - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marion Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Aaron Agius ippresieda l-laqgħa.

**76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

76.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Victor Zammit li li kien jinsab ma jiflaħx.

76.1.2 Il-Kunsilliera prezenti unanimament aċċettaw din l-ittra t'apoloġija.

**76.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tas-7 ta' Novembru 2023**

76.2.1 Il-Kunsill unanimament approva l-minuti tal-laqgħa numru 75 li saret fis-7 ta' Novembru li kienu ntbagħtu qabel il-laqgħa u ttieħdu bħala moqrija.

**76.3 Milied**

76.3.1 Is-Sindku rreferra għall-Christmas Market li kien ppjanat fi tmiem il-ġimgħa 9 u 10 ta' Diċembru li kien tħassar minħabba l-maltemp. Is-Sindku spjega li l-ħsieb li jsir fi tmiem il-ġimgħa ta' wara sfaxxa minħabba l-maltemp. B'referenza għat-talb mil-Għaqda Milied fix-Xagħra, l-membri preżenti unanimament qablu li l-kollaborazzjoni min-naħa tal-Kunsill għall-attivitajiet tal-Milied imtella' mill-istess għaqda matul il-jiem tal-festi tal-Milied kellha tkun ta' €1,500.

76.3.2 Is-Sindku rreferra għall-kunċert tal-Milied fejn il-preparamenti kienu kważi kollha ffinalizati. L-invit għal dan il-kunċert kien intbagħat mal-kartolina tal-Milied li ntbagħtet f'kull residenza fix-Xagħra. Is-Sindku spjega li ma kinux se

jiġu riservati postijiet minn qabel hekk kif is-*seating* kien se jkun jkun fuq *first come first served basis.* Se jkun hemm 2 *ushers* biex ipoġġu n-nies bilqiegħda.

76.3.3 Is-Sindku spjega li Radju Bambina kien installa megaphones fil-pjazza biex tinħoloq aktar atmosfera tal-Milied permezz tal-*carols* tal-Milied. Waqt li dawn ma kinux qed jitolbu ħlas, is-Sindku spjega li tar-Radju kienu se jixtru apparat ġdid u tkun xi ħaġa tajba li l-Kunsill jikkollabora f'din l-ispiża. Il-Kunsill qabel li kellu jitkellem ma' tar-Radju biex wieħed jara kif il-Kunsill jista' jikkollaborra f'din l-ispiża.

76.3.4 Is-Sindku spjega li t-tqassim tar-rigali għat-tfal minn Father Christmas kien ser isir il-Ġimgħa 22 ta' Diċembru wara l-quddiesa tan-novena.

76.3.5 B'referenza għat-tqassim tal-kartolini tal-Milied f'kull residenza, is-Sindku ppropona li l-iScouts responsabbli minn dan is-servizz kellhom jitħallsu. Il-Kunsill unanimament qabel li l-ħlas kellu jkun ta' €300.

**76.4 Karnival 2024**

76.4.1 Is-Sindku rreferra għas-Sibt tal-Karnival fejn jittella' programm ta' Karnival f'Nażżarenu. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mas-Sur Noel Thuema mill-Għaqda Kumittiva biex wieħed ikun jista' jiddiskutta kif jista' jvarja l-programm biex jattira aktar nies fosthom jinbidel il-poster u jinħolqu attrazzjonijiet għat-tfal.

76.4.2 Is-Segretarju spjegat li kienet baqgħet mingħajr risposta min-naħa tal-preżentatur Jamie Cardona li kien għadu ma kkonfermax jekk kienx jista' jippreżenta l-Karnival tal-Ħadd jew le. Il-Viċi Sindku kellu jitkellem miegħu.

**76.5 Ċelebrazzjoni marbuta mat-30 Sena mit-Twaqqif tal-Kunsilli**

76.5.1 Is-Sindku spjega li tkellem hu stess ma' Heritage Malta biex tittella' din l-attivita' fit-2 ta' Marzu 2024 fil-Ggantija imma s'issa l-Kunsill kien għadu m'għadnux l-approvazzjoni. Is-Sindku spjega li kien għaddej b'pressjoni hu stess biex din l-attivita' tkun tista' titella' f'dan il-post ta' patroċinju kulturali.

**76.6 Kunsill Ċiviku**

76.6.1 Is-Sindku spjega li twaqqiegħ tal-Kunsill kien lest u kien imiss li jibda t-tħaffir 'l isfel hekk kif kollox kien miexi kif ippjanat. Is-Sindku spjega li x-xogħol kien ħa jieqaf għall-festi tal-Milied u jerġa' jissokta wara l-ewwel tas-sena.

**76.7 Triq Marġa**

76.7.1 Is-Sindku spjega li x-xogħol kien miexi bil-mod minħabba l-maltemp fl-aħħar jiem. Il-kuntrattur kien baqagħlu jiftaħ żewġ bnadi tad-drenaġġ. Is-Sindku spjega li intlaqtu xi pajpijiet tal-bdiewa li kellhom jinbidlu għas-spejjeż tal-Kunsill. Is-Sindku rreferra ukoll għat-talba minn diversi bdiewa biex jgħaddu l-pajpijiet minn taħt.

76.7.2 Is-Sindku rreferra għas-*site visit* li saret flimkien mal-Ministru Clint Camilleri wara li hu stess kien hemm jagħmel pressjoni biex it-triq kollha tingħata passata asfalt. Is-Sindku spjega li kif inħareġ it-tender it-triq ser tkun b'partijiet tas-siment waqt li fejn hemm xogħlijiet min-naħa tal-ilma ser tiġi asfaltata.

**76.8 Triq Marsalforn**

76.8.1 Is-Sindku spjega li kienet saret laqgħa l-Ġimgħa 17 ta' Novembru mal-Perit tal-Kunsill u tal-Kuntrattur fuq il-kontijiet ta' Triq Marsalforn. Il-ftiehem kien li l-Perit jipprovdi l-kontijiet tax-xogħlijiet fuq din it-triq. Sad-data tal-laqgħa il-kont kien għadu ma wasalx.

**76.9 Rapport ta' Kull Kwart**

76.9.1 Ir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-sena kien għadu ma tlestiex u għaldaqstant ma ġiex ippreżentat waqt il-laqgħa.

**76.10 Appell fuq PA/00570/21 - Ggantija Heights , Triq Parsott Xaghra**

76.10.1 Is-Sindku rreferra għall-iżvilupp Ggantija Heights, Triq Parsott li kien hemm pressjoni kontrih kemm minn NGOs, *mass media* u anke l-pubbliku inġenerali wara li kien ħareġ il-permess. Is-Sindku spjega li kien tkellem mal-Perit biex wieħed ikun jista' jifhem sew x'inhi l-kwisjoni. L-applikazzjoni kienet tinkludi żvilupp f'bufferzone. Is-Sindku spjega li l-Perit kien attenda għall-*hearings* u kien spjegalu li l-iżviluppatur kien irrivoka l-applikazzjoni kif kien mitlub. L-iskjavar kien sar u ma nstabux affarijiet ta' valur. Dan l-iżvilupp diġa' kellu appelli oħra. Jidher li l-pressjoni kontra l-iżvillupp hi attribwiti għall-fatt li l-Heritage Impact Assessment ma kienx sar.

76.10.2 Il-Kunsill iddiskuta jekk kellux idaħħal appell jew le. Il-Viċi Sindku Stefan Bajada u l-Kunsillier Anthony Attard stqarru li jħossu li l-Kunsill kellu jieħu pożizzjoni u jmexxi b'appell peress li qrib hemm il-Ggantija, sit storiku. Wara diskussjoni fit-tul, il-Kunsill qabel li kellu jmexxi b'appell li kellu jidħol sat-22 ta' Diċembru.

**76.11 Bye Law Ramla Il-Ħamra**

76.11.1 Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju biex tgħarraf lill-Kunsill fuq il-laqgħa li saret ma' s-Sa Amity Galea fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex fuq din il-Bye-Law. Id-Deputat Segretarju spjegat li Kunsilli fejn hemm bajjiet bil-Blue Flag kienu qed jintalbu li jmexxu bye law biex b'hekk il-pulizija jkunu jistgħu jinfurzaw meta hemm ksur ta' liġi.

Il-Kunsill iddiskuta li jħoss li hu inġust li għal ċerti affarijiet il-bajja tar-Ramla taqa' taħt idejn il-Kunsill u taħt affarijiet oħra le. Il-Kunsill qabel li kellu jitkellem mal-avukat tal-Kunsill biex tiġi pprepata draft ta' din il-Bye Law biex tkun tista' tgħaddi fi ħdan is-sessjoni legali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali .

**76.12 Ħatra Bord tal-Evalwazzjoni- Tender TXL 04/2023 Resurfacing of Triq Mannar/Ghejjun junction and resurfacing of small stretch of Triq Karkar, xaghra (up to base course only) in a resource efficient manner**

76.12.1 Is-Sindku spjega li kienet saret site-visit flimkien mal-Ministru t'Għawdex Clint Camilleri fi Triq Karkar u fi Triq Stellini fejn il-Ministru stess ta' x'wieħed jifhem li dawn it-toroq kienu se jsiru mill-Ministeru t'Għawdex. Għaldaqstant is-Sindku spjega li ma jarax għalfejn jinħatar dan il-bord tal-evalwazzjoni.

**76.13 Komunikazzjonijiet oħra mis-Sindku**

76.13.1 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikkunsidra li jsiru sinjali ta' Give Way fi Triq Jannar lil min ikun tiela' minn Triq L-Għar ta' Ninu. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma' din il-proposta li kellha titmexxa lil Transport Malta.

76.13.2 Is-Sindku rreferra għal bidu ta' Triq Marsalforn fejn ippropona biex minn ikun nieżel jagħti l-give way li min ikun tiela'. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu li l-Kunsill għandu jmexxi b'talba lil Transport Malta.

76.13.4 Is-Sindku rreferra għat-trakk tal-Kunsill fejn talab lis-Segretarju biex idaħħal ilment uffiċjali mal-kumpanija minn fejn inxtara t-trakk peress li diġa' kien

ħiereġ is-sadid fuqu. Is-Sindku spjega li idealment jittranġa store li hemm fil-ġibjun biex it-trakk ikun jista' jinġabar ġo fih it-trakk. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' din il-proposta wara li l-Kunsill jiċċekkja rigward l-*ownership* tal-istore.

Anthony Attard talab li tinżebgħah kaxxa quddiem il-Kunsill.

**76.14 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

76.14.1 Il-Kunsillier Victor Curmi talab li jitħarrku l-arbli tad-dwal għal mal-ħajt fi Triq Marġa għax huma perikoluża ħafna kif inhuma. Il-Kunsill qabel li tintbagħat talba lil Enemalta biex dawn l-arbli jitħarrku minnufih.

76.14.2 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa rigward meta kienet ser isiru l-installazzjonijiet tal-bozoz ġodda f'Għajn Qamar u fi Triq Sruġ. Is-Segretarju ħadet nota biex tiċċekkja dwar jekk kienx hemm applikazzjoni fuqhom peress li dawn kienu għaddew qabel ma' bdiet hi bħala deputat segretarju.

76.14.3 Il-Kunsillier Victor Curmi ssuġġeriexxa li l-Kunsill imexxi b'petizzjoni mir-residenti biex tiġi nstallata ATM mill-BOV. Dawn wara diversi talbiet li ġew irrifjutati mill-bank stess. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma' dan.

76.14.4 Il-Kunsillier Anthony Attard talab li l-istaff klerikali tal-Kunsill jieħu ħsieb li jinforma għaqda f'Malta li tieħu ħsieb li jsir quddies b'suffraġju tal-mejjet u tintbagħat *sympathy card* lill-familjari. Il-Kunsill Attard elenka li din il-proposta tiegħu għaddiet kemm-il darba fil-laqgħat tal-Kunsill imma din baqa' ma saritx. Il-Kunsill iddiskuta li taf tinħoloq problema tkun meta bi żvista jinqabeż xi ħadd.

76.14.5 Il-Kunsillier Anthony Attard talab li ssir kaxxa safra riservata għat-trakk tal-Kunsill quddiem il-Kunsill stess. B'hekk it-trakk ma jkunx fl-imwarrab.

**76.15 Qari tal-Korrispondenza u Ilmenti mir-residenti;**

76.15.1 20.11.2023 Avviż ta' Infurzar mill-PA fuq sit fi Triq Kalipso bi żvilupp mingħajr permess li jikkonsisit f'ħajt , xibka tal-ħadid u installazjoni ta' xatba tal-ħadid.

76.15.2 21.11.2023 Ittra minn TM tinforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni għall-*Personalised Reserve Parking* Personalizzat ġiet miċħuda hekk kif l-applikant mhux eliġibbli.

76.15.3 24.11.2023 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex tirrigwada l-ittra li kienet se tintbagħat min-naħa tar-Reġjun kontra l-iżvilupp PA/00570/21. Din il-materja ġiet diskussa f'*item* 76.10.

26.15.4 24.11.2023 Rapport mill-Intervention Team fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex fuq mera imkkissr fi Triq Ġnien Xibla. Il-Kunsill qabel li din tinbidel minnufih.

26.15.5 27.11.2023 Rapport mill-Intervention Team fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex għax *patching* fi Triq Il-Knisja. Il-Kunsill iddiskuta li hemm bżonn isir *patching* anke fi triqat oħra.

26.15.6 27.11.2023 Imejl mis-Sa Zerafa fi ħdan il-PA fejn il-Kunsill jista' jdaħħal *representation fuq* PC 00140/18. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.15.7 24.11.2023 Cir AKL 2023/110_sCooL2Walk Seminar 11/12/2023.
24/11/2023 Celebrating Inclusion – 20 years on (semina Federazzjoni Għawdxija Persuni b'Diżabilita').

26.15.8 27.11.2023 Il-Festin tal-Milied flimkien mal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex it-Tlieta 12 ta' Diċembru, 2023.

26.15.9 29.11.2023 Ċirkulari nru 20 tal-2023 – Proċeduri ta' Set Off bejn il-Kunsilli Reġjonali u l-WasteServ.

26.15.10 29.11.2023 Ċirkulari nru 21 tal-2023 – Proċeduri ta' Invoicing bejn il-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali għas-Servizz ta' Ġbir tal-iskart imħallat u tipping fees.

26.15.11 29.11.2023 Ċir AKL 2023/092_MIEMA_Meeting with Regional Councils.

26.15.12 27.11.2023 Inizjattiva Milied Solidali 2023 mill-Kunsilli Reġjonali ta' Għawdex. Il-Kunsill iddiskuta li kien se jkun qed jipparteċipa.

26.15.13 29.11.2023 Cir AKL 2023/106_Kunsill Reġjonali tat-Tfal 22/11/2023.

26.15.14 30.11.2023 Korripondenza rigward l-attivita Rigal b'Imħabba mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

26.15.15 01.12.2023 Cir AKL 2023/105 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2024. Il-Kunsill qabel li kellha titħallas l-polza tal-membri tal-Kunsill u tal-istaff klerikali

26.15.16 05.12.2023 Cir AKL 2023/112_The 2023 Jolly Jumper Team Building Event.

26.15.17 05/12/2023 Information Session – Asoylum Migration and Integration Fund (AMIF) 2021-2027.

26.15.18 12/12/2023 Invitation JP2 Cultural Foundation Invitation 18-12-2023 St. Margaret Parish Church.

26.15.19 14/12/2023 Korrispondenza fuq Christmas in Gozo Rigal b'imħabba – Stedina mingħand Joseph Sultana nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru, 2023 fil-Villa Rundle.

26.15.20 17/12/2023 Korrespondenza mingħand Dr. Lydia Abela fuq l-Attivita – Rigal B'imħabba.

26.15.21 19/12/2023 Cirk Nru 22/2023 - Allokazzjoni finanzjarja għall-2023.

26.15.22 20/12/2023 Cir Nru 2023/109 Christmas Get Together 16/12/2023.

26.15.23 20.12.2023 Cir Nru 2023/107 Family Fun Fair Registration Poster

26.15.24 10.11.2023 Ilment mis-Sa Fava ta' Triq Is-Sruġ rigward il-pregnant windows fl-istess triq. Il-Kunsill iddiskutta li r-residenta kelha tmexxa b'rapport mal-awtorita' kkonċernata.

26.15.25 14.11.2023 Talba mill-iScouts biex tinxtara kaxxa apposta fejn jinġabru cables tad-dawl minħabba safety.

26.15.26 14.11.2023 Talba mis-Sur Axiak biex il-Kunsill jagħmel pressjoni biex isir esproprazzoni ta' art privata biex b'hekk titwessa Triq Il-Ġebla Ta' Sansuna.

26.15.27 14.11.2023 Talba mis-Sa Muscat fi ħdan il-kumitat tal-Gozo Half Marathon biex il-Kunsill jikkolaborra f'din il-maratona. Il-Kunsill iddiskutta li s-Segretarju kellha tibgħat imejl fejn titlob aktar dettalji waqt li tistieden rappreżentat għal-laqgħa li jmiss.

26.15.28 27.11.2023 Talba mis-Sur Zammit biex isir kaxxa tal-Loading/Unloading quddiem il-ħanut Tal-Latini fi Vjal It-8 ta' Settembru 2023. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġezzjoni biex din it-talba tgħaddi lil TM.

26.15.29 29.11.2023 Ilment mis-Sa Galea Mizzi fuq Triq Karkar rigward nuqqas ta' kennies fit-triq u anke skart mhux miġbur.

26.15.30 30.11.2023 Ittra mir-Rettur tal-Knisja Sant'Anton Abbati rigward il-festa il-Ħadd 21 ta' Jannar 2024 b'talba għall-kollaborazzjoni fl-ispejjeż tal-Banda u anke stamper tal-programm f'kull dar. Il-membri preżenti qablu li jikkollaborra bħas-snin preċedenti.

26.15.31 5.12.2023 Ittra mill-Kappillan Mikiel Borg tal-Knisja San Pawl, f'Marsalforn għall-kollaborazzjoni bis-servizz tal-Banda il-Ħadd 28 ta' Jannar fil-festa għad unur il-patrun San Pawl. Il-Kunsill qabel li jmexxi b'din il-kollaborazzjoni bħas-snin preċedenti.

26.15.32 19.12.2023 Talba għal sinjali sofor quddiem ir-residenza tas-Sur Agius fi Triq Liberat Grech. Il-Kunsill qabel li din it-talba kellha tgħaddi għand TM.

26.15.33 21.12.2023 Talba għall-kollaborazzjoni għal Get Together għal dawk li kienu jiffrekwentaw iċ-Ċirklu. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li l-liġi ma tippermettix kollaborzzjoni għall-avvenimenti simili.

26.15.34 21.12.2023 Talba għall-kollaborazzjoni ta' €550 mill-Għaqda tan-Nar Xagħra għas-sound u dawl għall-Band waqt ikla mtella' bħala fund raising għall-festa. Il-Kunsill qabel li jikkolaborra.

**76.16 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

76.16.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet ippreżentatat fuq il-mejda tal-Kunsill.

76.16.2 Il-Kunsill Anthony Attard irrimarka li hu ma kienx qed jaqbel li ll-pagament tar-Reġjun għall-ġbir tal-iskart kellu jgħaddi. Is-Sindku u l-kumplament tal-Kunsilliera l-oħra approvaw il-pagamenti kollha fl-iskeda tal-pagamenti.

**76.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

76.17.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19.35 pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 16 ta' Jannar 2024 fil-5.00pm.

Konfermati illum __________**16 ta' Jannar 2024**____________________

**IFFIRMATA**

____________________

**Aaron Agius**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

____________________

**Marion Attard**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**